## PROFICISCERE, ANIMA

*Għadda f'ġirja tfajjel ħelu, ġismu ġamra jitfa' d-dawl;*
*Kien ħafif bħal għamar għoli f'nofs il-ġlieda minn fomm Sawl;*
*Il-Jum hieni illi jgħanni l-għanja mbissma tal-ħajjin,*
*Li tinbidel f'għanja mnikkta, l-għanja mnikkta tal-mejtin,*
*X'ħin quddiemna jdub u jidher, kobba sewda mingħajr lwien,*
*Jibki d-dawl li kellu jitfi fuq il-qabar twil taż-Żmien.*

*Fuqna jħaffef, jofroq l-ajru, il-ħuttaf mislut u żgħir:*
*Għas-sħab iswed, tqil u mdendel qisu jrid f'ġirjietu jgħir;*
*Qed iħabbar fuq l-egħlieqi miġjet l-ilma u l-irjieħ,*
*Għat-tbattil minn ġo l-imsieraħ qed jistieden u għall-mistrieħ.*
*Il-burraxka li qalila tersaq siekta fis-smewwiet*
*Tħoll ġisimha fuq il-bniedem, tkaxkar ruħha ġo l-ibliet:*
*Għax is-sħab jinħall u jgħarraq u s-sajjetti, mitlufin*
*F'ġenn il-leħħ u l-beraq isfar; qishom żwiemel maħrubin;*
*U l-irjieħ jikinsu l-osqfa, jinżlu jlebbtu ġot-triqat,*
*Igħannu dejjem l-istess għanja meta jgħixu das-sigħat.*

*Ruħ u ġisem! Waħda tkompli tterraq dejjem 'l hemm minn haw',*
*L-ieħor igħib u jmut quddiemna, għax imut dak li naraw.*

*U għaliex qed ibeżżagħni dak il-lejl mitluf fiż-żmien,*
*Fejn jiddallmu ħbub għajnejja, nibda ninsa jien min jien?*
*Il-għaliex qed iwerwirni n-nifs imlieheġ u għajjien*
*Ta' l-arloġġ illi bħal tifel qed igħodd il-ħin, ħosbien?*
*Għax nitħasseb quddiem ħlejqa li jiċċaqlaq fiha d-demm?*

*'Naf għaliex: ma' kull ċaqliqa, qed tinqered u tintemm.'*
*U did-debra toħloq f'qalbi, bħala marda li ma tfieqx,*
*Il-weġgħat li jħoss min f'soddtu il-mewt tiġi ma jixtieqx.*

*Kewkba ħelwa, li ġo fija bla ma tehda tgħix u ttir,*
*Lewn il-ġawhra, li mingħajrek nisfa jien mill-ħajja fqir:*
*Ruħ qaddisa, l-isbaħ għanja li qatt għanna l-kbir Hallieq,*
*'Il quddiem! Lejn l-Art imwiegħda! Nemmen, nibża', 'mma nixtieq!*

24.vii.55.
*Vals-pres-le Pay,*
*Haute Loire,*
*Franza.*

KARMENU MALLIA